**Magistrat Dr. Dennis Montebello BA. LL.D.**

**Illum, 6 ta' April 2001.**

Avviz nru 1039/00

Middle Sea Insurance p.l.c. kif surrogata fid-drittijiet tal-assigurata taghha Suzanne Attard abbazi tal-polza ta' assigurazzjoni u tal-ligi u l-istess Suzanne Attard

Vs

Lawrence Silvio

Il-Qorti;

Rat l-avviz permezz ta' liema l-atturi talbu l-kundanna tal-konvenut ghall-hlas tas-somma komplessiva ta' mitejn u tmienja u sittin lira Maltin (Lm268) jew somma ohra verjuri li tigi hekk likwidata minn dina l-Qorti, jekk hemm bzonn bl-opera ta' periti nominandi, rapprezentanti d-danni sofferti mill-atturi b'rizultat tal-kollizjoni li grat bejn il-vetturi IBA 646 u SUE 510, liema danni gew kkawzati b'rizultat tal-kollizzjoni li grat fl-10 ta' Novembru 1999, hdejn Xintill Roundabout, Paola, stante li l-konvenut kien unikament responsabbli ghall-incident in kwistjoni minhabba traskuragni , imperizja, negligenza u nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku da parte tieghu.

Bl-imghax legali mid-data tan-notifika tal-avviz u bl-ispejjez inkluzi dawk tal-konsult ammontanti ghal ghaxar liri (Lm10), dawk tal-ittra legali tat-28 ta' Marzu 2000, tal-ittra ufficjali prezentata kontestwalment kontra l-assigurazzjonji tal-konvenut, kontra l-konvenut, li minn issa jibqa' ngunt ghas-subizzjoni tieghu.

Rat illi l-konvenut debitament notifikat la deher biex jikkontesta t-talba attrici u lanqas ma deher biex jirrispondi ghad-domandi in subizzjoni. Ghaldaqstant it-talba attrici tirrizulta gustifikata u timmerita' konferma; u l-Qorti qieghda tilqa' t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas is-somma li l-Qorti qieghda prezenzjalment tillikwida fl-ammont ta' mitejn tmienja u sittin lira Maltin (Lm268) u dana ghar-ragunijiet indikati fl-avviz. Filwaqt li tiddikjara li l-konvenut kien unikament responsabbli ghall-incident tat-traffiku indikat fl-istess avviz.

Bl-imghaxijiet legali b'effett mis-6 ta' Jannar 2001.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut.

S.Farrugia                                        Magistrat
Dep/Reg